



# It-Tabernaklu fil-Knisja Parrokjali

**Kitba tal-Kan. Dun Joe Abela**

Bla dubju ta' xejn waħda mill-isbaħ opri artistiċi w imprezzabli li għandna fil-knisja Parrokkjali taż-Żejtun hu t-tabernaklu tal-fidda fuq l-altar maġġur. Dan it-Tabernaklu ġie rregalat lil knisja minn Dun Frans Mifsud bħala tifkira ta' għeluq il-ħamsin sena mill-ordinanzzjoni saċerdotali tiegħu (il-ġublew tad-Deheb) li ħabat fis-sena 2009.

**Ordinazzjoni saċerdotali ta' Dun Frans Mifsud**

Dun Frans ġie ordnat saċerdot nhar l-14 ta' Marzu, 1959, flimkien ma 44 saċerdot ieħor. Fost dawn in-numru konsiderevoli ta' saċerdoti ġodda kien hemm tlieta oħra li kienu mill-parroċċa tagħna ta' Santa Katarina. Wieħed minnhom hu Mons. Lawrenz Mifsud li ddedika ħajtu għax-xogħol pastorali bħala Kappillan ta' diversi Parroċċi. It-tnejn l-oħra illum huma imsefrin. Dun Frans Mifsud kellu t-tagħlim reliġjuz bħala t-tieni vokazzjoni tiegħu, u wettaq ħidma pastorali f'diversi pajjiżi barra minn Malta.

**Il-Kitba fid-dahar ta' Tabernaklu**

Fuq il-parti ta' ġewwa ta' dan it-Tabernaklu fuq pjanċa tal-Fidda Dun Frans xtaq li titnizzel din il-kitba bil-Latin.

**' DEO GRATO ANIMO<br>IN<br>AVREO SACERDOTE IVBILEO<br>FRANCISCUS SACERDOS MIFSUD<br>DONE DEDIT<br>A.D. MMIX'**

Li bil-malti din il-kitba tinqara hekk **'Bradd ta' ħajr lil Alla, b'tifkira tal-Ġublew tiegħu ta' Deheb bħala Saċerdot Dun Frans Mifsud ta rigal 2009'**

"Dun Frans ġie ordnat saċerdot nhar l-14 ta' Marzu, 1959, flimkien ma 44 saċerdot ieħor"







## It-Tabernaklu Nisrani

Għalina l-insara it-Tabernaklu hu post Qaddis niċċa ta' forma tawwalija jew tonda fejn jinżamm is-Santissmu Sagrament tal-Ewkaristija. Għandu jkun magħmul minn materjal solidu, sikur b'tali mod li jinqafel sewwa u li jixraq lil arkitettura tal-Knisja fejn jinsab. L-insara bdew jirriservaw l-ewkaristija mqaddsa fit Tabernaklu fis-Seklu IV, biex is-santissmu Sagrament ikun jista' jittieħed lill-morda f'darhom. F'dawn iż-żminijiet il-Knisja aktarx li s-sagrament kien jinżamm fis-sagristija jew f' riċipjent f'forma ta' ħamiema imdendla bil-ktajjen quddiem l-altar. Għal ħabta tas-seklu XVI is-sagrament beda jinżamm f'tabernaklu imqiegħed fuq l-altar maġġur.

## Riforma

Iżda bir-riforma li saret fil-Konċilju Vatikan it-Tieni ta' madwar 50 sena ilu kulħadd beda jaqbel li l-post l-aktar addatat għas-Santissmu Sagrament hu Kappella laterali fil-Knisja Parrokkjali fejn l-Insara jkunu jistgħu fil-gabra jgħaddu ħin ta' talb u adorazzjoni privata. Inkella għandu jitqiegħed fuq xi altar laterali , jew f'xi post ieħor nobbli u mżejjen b'mod moderat bħala pedistall jew ukoll gwarniċa jew ċinta tal-knisja. Dan biex il-preżenza tal-Ewkarstija ma ttellifx l-offerta ta' sagrifiċċju tal-quddiesa fuq l-altar tas-sagrifiċċju. Quddiem is-santissmu Sagrament għandu jinżamm nar jixgħel lejl u nhar, sabiex id-devot ikun jaf li sagrament jinsab fit-Tabernaklu. Purtiera pulita għanda tgħatti il-bieba tat-tabernaklu. Dan kien meħtieġ ukoll li s-Santissmu Sagrament qatt ma jitħalla waħdu, tant illi fil-kapelli iż-żagħar qatt ma kien jinżamm is-Sagrament matul il-ġurnata jew bil-lejl u fil-knejjess Parrokjali fejn is-Sagrament kien ikun il-ħin kollu fit-tabernaklu f'xi karma annessa mal-knisja kien dejjem bil-lejl jgħoqod xi ħadd responsabbli, ġeneralment is-sagristan.

"Għalina l-insara it-Tabernaklu hu post Qaddis niċċa ta' forma tawwalija jew tonda fejn jinżamm is-Santissmu Sagrament tal-Ewkaristija"

## Tifkiriet oħra

Il-Kelma ' Tabernaklu ' kultant tirreferi għal riċetaklu li fih jitqiegħed l-Ostja kkonsagrata. Terminu ieħor għall-' Pissidi' jew 'Ċilorju'. Kultant il-kelma tabernaklu tfisser it-teka fejn jitqgħedu l-Ostji kkonsagrati meta is-saċerdot iġorr minn dar għal oħra fit-Tqarbin tal-Morda.

## Fit-Testment il-Qadim

Għal-Lhud tar-Rabta l-Qadima it-tabernaklu kien Santwarju jew tinda mibnija skond l-istruzzjonijiet ta' Mose'. Matul il-ġiri tagħhom fid-deżert u qabel il-bini ta' Ġerusalem dan it-Tabernaklu speċjali kien jirrappreżenta il-preżenza t'Alla lil poplu

magħżul. It-Tabernaklu użat għall-osservanzi reliġjużi, kien allura jinkludu speċi ta' bitħa b'niċċa fejn kienet tinżamm l-Arka tal-Patt.

## Il-Bieba ta' t-Tabernaklu

It-Tabrernaklu l-Qadim bil-bieba tal-fidda li għada użata sal-lum, ila li saret mill-arġentier Giovanni Lebrun, fi żmien bejn wieħed u ieħor li kien iżżanzan l-altar maġġur tal-irħam. Dan kien għal ħabta ta' nofs is-seklu 18. Dan sirna nafuħ milux meta instab it-timbru tal-boll tal-arġentier Lebrun waqt li din il-bieba prezzjuża kienet qed issirilha restawr fiha u tindif mill-arġentier Żejtuni Ġużeppi Aquilina, fl-istess żmien li l-istess arġentier Aquilina kien qed jaħdem it-Tabernaklu il-ġdid. Dun Gino Gauċi wara għamel studju fuq dan Lebrun.

Fuq quddiem din il-bieba antika tal-fidda naraw rappreżentazzjoni tal-episodju mill-ħajja ta' Ġesu' dak in-nhar li Ġesu kien mistieden għal ikla minn Xmun il-lebruz ta' Betanja u waqt din l-ikla daħlet mara midinba li delket riġlejn Ġesu b'żejt ifuħ. Din il-ġrajja hi rrakuntata b'xi differenzi żagħar minn tlett Evangelisti : San Mark, San Luqa u San Ġwann. Inġibu hawn silta mir-rakont ta' San Mark: 'U meta Ġesu' kien Betanja fi dar ta' Xmun l-imġiddem, hu u jiekol ġiet mara li kellha vażett ta' l-alabastru biż-żejt tal-fwieħa tan-nard safi li jiswa wisq u kissret il-vazett u sawlitu fuq rasu. Kien hemm xi wħud li għodbu fihom infushom u qalu 'għal fejn sar dal-ħela taż-żejt tal-fwejjaħ'. San Ġwann iżid li d-dar intliet bir-riħa taż-żejt tal-fwejjaħ. Skond San Luqa din il-mara midinba qagħdet tibki f'riġlejn Ġesu' u bdiet ixxarablu riġlejh bid-dmugħ u mesħithomlu b'xagħar rasa u bisitlu riġlejh u dilkitomlu biż-żejt tal-fwejjaħ. Ma hemmx dubju li din kienet riħa tal-imħabba u maħfra li Ġesu' dak in-nhar wera ma din il-mara midinba. Forsi nistaqsi għaliex dan l-episodju intgħazel biex iżejjen din il-bieba tat-Tabernaklu u ta' Ġesu' Ewkaristija? Tgħid għaliex ifakkar ikla bħal ma hi it-Tqarbin imqaddes li tikkomemora l-imħabba kbira ta' Ġesu' għalina il-midinbin?

## Tizjin ieħor

Fuq il-bieba minn naħa ta' barra naraw dekorazzjoni ħelwa ta' ward u speċi ta' għeneb simbolu tal-inbid mbiddel fid-demm ta' Ġesu'. Interessanti ukoll it-tizjin fuq iż-żewg naħat tal-bieba: irħam mill-ifjen imsejjaħ Alabastru. Dan hu rħam prezzjuż ħafna, li minnu jidher ukoll ftit fil-paviment tal-kursija tal-knisja. Ġużeppi Aquilina kompla jżejjen din il-bieba minn naħa ta' ġewwa fejn qiegħed *Nome di Gesu'* b'raġġi tal-fidda ħergin minnha. Kollox hu mdawwar bi ħlewwa ta' speċi ta' gwarniċ ukoll tal-fidda.

## Xogħol l-arġentier Ġużeppi Aquilina

Nidħlu issa b' rispett kbir fit-Tabernaklu fejn Ommna il-knisja Mqadssa iżżom l-Ostja ikkonsagrata, il-'isem ta' Ġesu' fil-pisdi. Ġużeppi Aquilina tana opra mill-isbaħ maħduma kollha kemm hi bl-idejn fuq disinn ta' Dun Gino Gauċi fuq stil deċiżament barokk, li ovvjament jikkumplimenta l-istill barokk tal-knisja parrokkjali taż-Żejtun. Kollox hu bbażat fuq pilastri doppji li jitilgħu mill-bażi u jisspiċċaw f'kapitelli. Kollox maħdum b'sena kbira mill-fidda.

"Nidħlu issa b' rispett kbir fit-Tabernaklu fejn Ommna il-knisja Mqadssa iżżom l-Ostja ikkonsagrata ..."

Fuq il-kapitelli iserraħ il-gwarniċun, li hu ibbanjat bid-deheb fuq il-gwarniċun il-friz, u fuq il-friz iċ-ċinta iż-żgħira. Araw kif id-disinn isegwi l-arkitettura ta' Knisja. Miċ-ċinta iż-żgħira imbgħad jitilgħu għal ħnejjiet li jaqsmu minn naħa għal oħra, b'tali mod li saqaf tat-Tabernaklu 'Barrel-Vault' iserraħ fuqhom. Għandek similitudni ma kapella ċkejkna, li minnhom spiss naraw fil-knejjes tal-kampanji tagħna. L-arġentier Ġużeppi Aquilina ma setax jgħatina opra aktar sabiħa u li tassew tixraq lil Santissmu Sagrament! Fil-faċċatta ta' ġewwa nett għandek il-kitba li semmejjna fil-bidu ta' dan l-istudju, u li kif għedna, tfakkar id-donazzjoni ta' Dun Frans Mifsud. Dan it-Tabernaklu hu kkumplimentat b'tirattur ornamentat ukoll tal-fidda.

Hasra li dan it-Tabernaklu ma jistax jitgawda mill-poplu Żejtuni matul is-sena. Jista jitgawda biss f'jumejn, nhar il-'imgħa l-Kbira u Sibt il-Għid , meta is-Santissmu Sagrament ma jkunx fit-Tabernaklu. Forsi jkun aħjar hekk, għaliex żgur li din l-opra qed titgawda minn Ġesu' stess! ■